**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Novembru 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 585/2013 JZM**

**Fil-Proceduri tal-Falliment ta` Jonathan Pace ;**

**u b`digriet tat-3 ta` April 2014 Melanie Pace (ID 650082M) giet awtorizzata tintervjeni fil-procediment *in statu et terminis***

**u b`digriet tas-7 ta` Ottubru 2014 gie nominat l-Avukat Dr. Christopher Chircop bhala Kuratur *ad litem* sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-mejjet Jonathan Pace fil-procediment tal-lum**

**Il-Qorti :**

Rat is-sentenza li tat fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2017 dwar il-gradwazzjoni tal-krediti kontra l-fallut. Id-dettalji jirrizultaw fil-provvediment.

Rat il-provvediment li tat fl-udjenza tat-28 ta` Settembru 2017 fejn laqghet it-talba li kien ressaq il-kreditur Bank of Valletta permezz ta` rikors tat-2 ta` Gunju 2017 sabiex jinterponi appell mis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2017.

Rat l-aggravji u t-talbiet li ressaq il-kreditur Bank of Valletta plc fir-rikors tal-appell.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Mejju 2019 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, laqghet it-tliet aggravji li abbazi taghhom sar l-appell u cioe` : *i) li l-Ewwel Qorti qieset ipoteka generali bhala inferjuri ghal dik specjali meta ma ghandux ikun hekk ; ii) li l-ipoteki taghha* (u cioe` tal-Bank of Valletta plc) *jkopru l-fondi mmobbli kollha tad-debitur, u mhux nofs indiviz ; iii) li hemm bzonn ta` riforma tas-sentenza ghal dak li jirrigwarda certi bilanci dovuti lill-istess Bank.*

Rat illi bhala konsegwenza, kienet riformata s-sentenza ta` din il-Qorti kif talab il-Bank fl-ewwel hames talbiet li kienu nterposti fir-rikors tal-appell, li maghhom il-Qorti tal-Appell iddikjarat li kienet qeghda taqbel.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Lulju 2019.

Rat illi l-procediment thalla ghal-lum sabiex tipprovdi dwar x`ghandu jsir mill-assi tal-fallut, anke fl-isfond ta` dak li rrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezentaw flimkien fis-27 ta` Settembru 2019 uhud mill-kredituri tal-fallut, senjatament : Five Effs Import Co. Ltd, SM Marketing Limited, George Muscat, Anthony Muscat u Anton Cassar.

Rat ukoll in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezenta Bank of Valletta plc fit-30 ta` Settembru 2019.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Fil-ligi taghna, l-istitut tal-falliment huwa regolat b`mod esklussiv bil-Kodici tal-Kummerc, illum Kap 13 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-hsieb wara l-Kodici tal-Kummerc kien illi jemenda u jikkonsolida l-ligijiet dwar il-kummerc. L-ewwel legislazzjoni kienet l-Ordinanza XII tal-1857. L-ahhar emenda ghall-Kodici saret bl-Avviz Legali 13 tal-2014.

Id-disposizzjonijiet dwar il-falliment huma nkluzi fit-Taqsima III tal-Kodici minn Art 477 sa Art 540.

**Ikkunsidrat :**

Il-procediment odjern, li ra l-bidu tieghu fl-2013 bid-dikjarazzjoni tal-fallut, ghadda l-istadju tal-gradwazzjoni tal-krediti li huwa regolat bl-Art 528 sal-Art 537 tal-Kap 13.

Is-sentenza li tat din il-Qorti dwar il-gradwazzjoni tal-krediti fit-30 ta` Mejju 2017 kienet riformata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Mejju 2019.

Il-kwistjoni li ghandha quddiemha l-qorti llum hija fejn ghandha tmur minn hawn.

**Ikkunsidrat :**

Miz-zmien ta` meta sar il-Kodici tal-Kummerc fl-1857 sal-lum, id-disposizzjonijiet originali tat-Titolu VI li jittratta dwar il-Gradwazzjoni tal-Kredituri, u dawk originali ta` wara, u cioe` tat-Titolu VII dwar ir-Rijabilitazzjoni, qatt ma gew emendati mal-medda taz-zmien.

Sal-lum nafu fejn wasal il-procediment odjern. L-incertezza tinsab fejn se jmur il-procediment wara li l-Gradwazzjoni tal-Kredituri kienet finalizzata bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Mejju 2019.

Dan qieghed jinghad ghaliex accertat li bejn il-kredituri ma hemmx Akkordju.

Accertat ukoll li ma tistax tghaddi ghall-fazi li kien imiss skont il-Kap 13 u cioe` ir-Rijabilitazzjoni, ghaliex il-fallut miet fil-mori tal-procediment.

**Ikkunsidrat :**

Hasbet fit-tul dwar dak li nghad minn uhud mill-kredituri fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom.

Mhijiex tal-istess fehma bhall-kredituri Five Effs Import Co. Ltd. et. li ladarba l-gradwazzjoni tal-krediti llum hija stabbilita bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, allura l-kuratur tal-falliment jista` jghaddi ghall-bejgh ghaliex ikun qed jagixxi taht il-kontroll u sorveljanza tal-qorti.

Tghid dan ghaliex fl-assenza ta` Akkordju bejn il-kredituri, u tenut kont tal-fatt illi l-*lex specialis* u cioe` il-Kap 13, ma jahseb ghal ebda procedura *specjali* dwar kif ghandu jkun kondott il-bejgh tal-beni tal-fallut sabiex ikunu sodisfatti l-krediti, ikollha toqghod u sejra toqghod fuq li tipprovdi l-*lex generalis* u cioe` il-Kap 12.

Ebda tigbid fl-interpretazzjoni tal-istat tad-Dritt Fallimentari Malti ma jista` jwassal ghal konkluzjoni ohra hlief dik li ghadha kif kienet esposta fil-paragrafu precedenti tenut kont tal-fatt illi r-rwol tal-Qorti huwa li tapplika u tinterpreta l-ligijiet ezistenti kif ghamilhom il-Legislatur.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi :**

**Fl-ewwel lok, qeghda tordna lill-kuratur tal-falliment sabiex jaghmel kull ma huwa mehtieg sabiex il-proprjeta` kollha tal-fallut tinbigh bil-procedura ta` l-bejgh bl-irkant fil-qorti skont l-Art 313 sa 357 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Fit-tieni lok, qeghda tordna lill-kuratur tal-falliment sabiex mir-rikavat ta` dak il-bejgh, isir kull hlas ta` dak illi huwa dovut lill-kredituri skont is-sentenza li tat din il-Qorti fit-30 ta` Mejju 2017 u skont is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Mejju 2019.**

**Tordna n-notifika ta` dan il-provvediment lir-Registratur tal-Qorti.**

**Thalli l-procediment odjern *sine die* riappuntabbli b`talba li ghandha ssir b`rikors, fit-termini ta` l-Art 964 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, minn kull persuna li kienet ammessa tippartecipa bhala parti interessata f`dan il-procediment, hekk kif ikun finalizzat mill-kuratur tal-falliment il-hlas lill-kredituri kif fuq ordnat.**

**Spejjez rizervati.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**